# Ostend Declaration

## Id-Dikjarazzjoni ta' Ostend

Il-komunità għar-riċerka dwar l-ibħra u dik marittima Ewropea hija lesta li tipprovdi tagħrif, servizzi u sostenn lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri u Assoċjati tagħha, waqt li tirrikonoxxi li

***"L-Ibħra u l-Oceani huma waħda mill-Isfidi l-Kbar tas-Seklu 21".***

Meta qed nagħmlu dan, aħna nagħrfu:

- ir-rwol kritiku tal-oċeani fis-sistemi tad-dinja u tal-klima;
- l-importanza tal-kosti, tal-ibħra u tal-oċeani u tal-ekosistemi tagħhom għas-saħħa u l-benesseri tagħna;
- l-impatti dejjem jiżdiedu tal-bidla ambjentali globali fuq l-ambjent tal-baħar u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikattivi ta' dawn l-impatti;
- il-ħtieġa kontinwa ta' riċerka bażika li tindirizza lakuni kbar fl-għarfien fundamentali tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani;
- l-opportunitajiet enormi ta' innovazzjoni, ġid sostnut u ħolqien ta' impjiegi fis-setturi ġodda u eżistenti marittimi bħall-akwakultura, l-enerġija li tiġġedded, il-bijoteknoloġija tal-ibħra u t-trasport marittimu; u
- il-ħtieġa li dawn il-messaġġi jaslu għand is-setturi kollha tas-soċjetà.

Barra minn hekk, nisħqu r-rwol **ir-rwol kruċjali tax-xjenza u t-teknoloġija tal-ibħra u dak marittimu** fl-għoti tal-għarfien u l-fehim tal-ibħra u l-oċeani u l-bijodiversità tagħhom għall-ħolqien ta' opportunitajiet u teknoloġiji li jsostnu u jmexxu 'l quddiem:

- il-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (Ewropa 2020);
- l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea (2007), iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (Il-*Green Paper* tal-KE dwar iż-ŻER) u politiki oħrajn bħall-Politika Komuni dwar is-Sajd;
- l-Istatus Ambjentali Tajjeb tal-ilmijiet tal-ibħra tagħna sal-2020 (Id-Direttiva ta' Qafas għal Strateġija Marittima); *u*
- l-isfidi l-kbar relatati inklużi tal-ikel, l-enerġija u s-saħħa, kif identifikati fid-Dikjarazzjoni ta' Lund (2009).

Il-komunità ta' riċerka dwar l-ibħra u dik marittima tirrikonoxxi l-progress sinifikattiv li sar bħala tweġiba għad-Dikjarazzjonijiet ta' Galway (2004) u Aberdeen (2007), kif tixhed l-adozzjoni tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea (2007), il-kolonna ambjentali tagħha d-Direttiva ta' Qafas għal Strateġija Marittima (2008) u l-Istrateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Ibħra u dik Marittima (2008), u tintrabat li ssejjes il-progress futur skont dan il-qafas ta' politika komprensiva.

## *Nindirizzaw l-Isfida l-Kbira tal-Ibħra u l-Oċeani*

Il-Konferenza EurOCEAN 2010 identifikat sfidi u opportunitajiet ta' riċerka ta' prijorità fil-qasam tal-ibħra u dik marittima f'oqsma bħalma huma l-ikel, il-bidla ambjentali globali, l-enerġija, il-bijoteknoloġija tal-ibħra, it-trasport marittimu u l-ippjanar spazjali tal-ispazju tal-ibħra, inkluż l-immappjar ta' qiegħ il-baħar. Il-Konferenza wasslet messaġġ bla ebda ekwivoki dwar il-benefiċji soċjali u ekonomiċi li tikseb l-Ewropa mill-ibħra u l-oċeani u tar-rwol kruċjali li r-riċerka u t-teknoloġija għandu jkollhom huma u jindirizzaw l-Isfida l-Kbira tal-Ibħra u l-Oċeani.

**Il-komunità xjentifika u teknoloġika Ewropea fil-qasam tal-ibħra, filwaqt li tibni fuq il-kisbiet u l-inizjattivi eżistenti, tinsab lesta sabiex tindirizza din l-isfida fi sħubija mal-industrija u s-settur pubbliku, u ssejjaħ lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u Assoċjati tagħha biex jiffaċilitaw din it-tweġiba billi jwettqu l-azzjonijiet proattivi u integrattivi li ġejjin:**

### 1. Programmazzjoni Konġunta

L-iżvilupp ta' qafas integrattiv, li jgħaqqad l-assi tal-programmi Ewropej ma' dawk tal-Istati Membri, biex tkun indirizzata l-Isfida l-Kbira tal-Ibħra u l-Oċeani, inkluż l-identifikazzjoni u l-provista ta' infrastrutturi ta' riċerka ewlenija tal-ibħra. L-**Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta "Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi"** għandha l-iskala xierqa ta' integrazzjoni u għandha tkun sostnuta b'mod attiv mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri.

### 2. Sistema Ewropea ta' Osservazzjoni tal-Oċeani

Is-sostenn tal-iżvilupp ta' "**Sistema Ewropea ta' Osservazzjoni tal-Oċeani**" integrata verament u ffinanzjata b'mod sostenibbli biex (i) tistabbilixxi mill-ġdid ir-rwol ewlieni globali tal-Ewropa fix-xjenza u t-teknoloġija tal-ibħra; (ii) twieġeb għal ħtiġijiet tas-soċjetà billi ssostni inizjattivi ta' politika ewlenin bħalma huma l-**Politika Marittima Integrata** u d-**Direttiva ta' Qafas għal Strateġija Marittima;** u (iii) issostni kontribuzzjonijiet Ewropej għal sistemi ta' osservazzjoni globali. Dan jista' jinkiseb permezz ta' koordinazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet nazzjonali b'investimenti ġodda xierqa, b'koordinazzjoni ma' inizjattivi relevanti (pereżempju ESFRI, EMODNET; GMES) u l-ingaġġar tal-utenti aħħarin.

## 3. Ir-Riċerka għall-Għarfien

It-twaqqif ta’ mekkaniżmi xierqa biex jinżammu taħt eżami programmi u proġetti ta’ riċerka dwar l-ibħra u dik marittima bil-ħsieb li jitkabbar l-impatt tagħhom billi (i) ikunu esplojtjati r-riżultati ta’ din ir-riċerka; u (ii) ikunu identifikati lakuni eżistenti u li jkunu qed jidhru. Dan għandu jkun sostnut permezz ta’ **repożitorju għar-rapporti u s-sejbiet ta proġetti, programmi u inizjattivi ta’ riċerka dwar l-ibħra u dik marittima nazzjonali u tal-UE,** bil-kapaċità tal-arkivjar, tat-traduzzjoni, tal-analizzar, tar-rappurtar u tal-iżvilupp ta’ prodotti ta’ għarfien integrati biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-politika, it-teħid tad-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet ta’ immaniġġar, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-kuxjenza pubblika.

**Biex tkun indirizzata b’mod effettiv l-Isfida l-Kbira tal-Ibħra u l-Oċeani huwa essenzjali biex ikun hemm prijorità fl-inizjattivi u programmi biex jitkabbru:**

- **L-Innovazzjoni**

  Il-provvista ta’ sostenn imsaħħaħ għall-innovazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti ġodda tal-ibħra/marittimi; tal-proċessi; tas-servizzi u tal-kunċetti b’appoġġ tal-Unjoni tal-Innovazzjoni u l-Istrateġija Ewropa 2020;

  Il-promozzjoni ta’ azzjonijiet biex titkabbar il-kuxjenza fost il-komunità xjentifika tal-ibħra dwar il-potenzjal ta' innovazzjoni tax-xjenza tal-ibħra, u l-opportunitajiet li jsir użu minnha f’kooperazzjoni tal-industriji tal-oċeani.

- **It-Taħriġ u l-Iżvilupp tal-Karriera**

  It-twaqqif ta’ opportunitajiet xierqa ta’ taħriġ u mobilità għal riċerkaturi u teknoloġisti dwar l-ibħra u l-provvista ta’ linji ta’ karriera stabbli u attraenti biex tkun assigurata l-forza tax-xogħol ta’ ħila kbira li ser tkun meħtieġa biex issostni s-setturi tal-ibħra u marittimi.

- **Il-Kooperazzjoni Internazzjonali**

  L-istabbiliment f’livell tal-UE ta’ mekkaniżmu biex titkabbar b’mod strateġiku il-kooperazzjoni internazzjonali (i.e bejn il-konsorzji Ewropej u sħab minn pajjiżi terzi) fix-xjenza u t-teknoloġija, bl-appoġġ għal inizjattivi ta’ netwerking, proġetti tal-fażi preparatorja u azzjonijiet konkreti;

  It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bilaterali/multilaterali ma’ organizzazzjonijiet ewlenin tal-iffinanzjar, korpi intergovnerattivi u istituzzjonijiet dwar l-ibħra/marittima barra l-Ewropa sabiex jintgħelbu l-ostakli għal, u l-provvista ta' soluzzjonijiet fattibbli għal, iffinanzjar konġunt ta' programmi u infrastrutturi ta' riċerka internazzjonali relevanti.

**Il-komunità xjentifika u teknoloġika Ewropea fil-qasam tax-xjenza tal-ibħra u dak marittimu Ewropea hija impenjata li taqdi r-rwol tagħha, fi sħubija mal-industrija u s-settur pubbliku, biex tnaqqas il-firda bejn ix-xjenza u l-innovazzjoni biex issostni l-iżvilupp sostenibbli.**